MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Mandat Numru. 401/2008/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 401/2008 fl-ismijiet:**

**Health Services Group Ltd (C 16298)**

**-vs-**

**Director of General Contracts**
**Director of Correctional Facilities Services.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-17 ta' Marzu 2008;
Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Kuntratti a fol 11;
Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin a fol 16;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri;
Rat id-dokument JP01 ezibiti fis-seduta tas-7 ta' April 2008;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi skond id-dokument ezibit mid-Direttur tal-kuntratti Dok JP 01 Medicare Serv Ltd inghataw dan it-*tender* fit-13 ta' Marzu 2008 mentri t-talba ghal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni saret fis-17 ta' Marzu 2008 cjoe wara li t-*tender* gie moghti.

Illi l-iskop ta' procedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi haga milli ssir li tista' tohloq pregudizzju ghar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jigi ppruvat li dik il-haga li qed tigi ttentata li tigi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diga saret, din il-procedura ma tkunx tista' tirnexxi ghax l-iskop taghha jkun gie vanifikat. (ara f'dan is-sens, Pearsall -vs- Zarb Adami PA 23/7/01 RCP u Aluminium Extrusions Limited -vs- Malta Industrial Parks Limited PA GV 21/12/2007).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi li
Billi r-rikorrent m'ghandu ebda jedd x'jipprotegi f'dan l-istadju stante li l-mertu huwa ezawrit;
Tichad it-talba;
Spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------